

Brussell, 7 ta' Mejju 2018  
(OR. en)

8502/18

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2015/0275 (COD)**

---

**CODEC 668**  
**ENV 267**  
**COMPET 263**  
**MI 307**  
**AGRI 203**  
**IND 116**  
**CONSOM 125**  
**ENT 83**

**NOTA PUNT "I/A"**

|          |                                                                                                                                                                   |
|----------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                  |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                     |
| Suġġett: | Abbozz ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart <b>(l-ewwel qari)</b><br>- Adozzjoni tal-att leġislattiv |

1. Fit-3 ta' Diċembru 2015 il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq<sup>1</sup>, li hi bbażata fuq l-Artikolu 192(1) TFUE u parti mill-Pakkett tal-Ekonomija Ċirkolari.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-20 ta' Lulju 2016<sup>2</sup>.  
Il-Kumitat tar-Regġuni ħareġ l-opinjoni tiegħu fit-18 ta' Jannar 2017<sup>3</sup>.

---

<sup>1</sup> 14975/15.

<sup>2</sup> ĠU C 264, 20.7.2016, p. 98.

<sup>3</sup> ĠU C 17, 18.1.2017, p. 46.

3. Fis-17 ta' April 2018, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-qbil ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill<sup>4</sup>.
4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- japprova, bl-astensjoni tad-delegazzjoni Ungeriża u dik Portugiża, il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, kif tidher fid-dokument PE-CONS 11/18;
  - jordna li fil-minuti ta' dik il-laqgħa jiddaħħlu d-dikjarazzjonijiet li jidhru fl-addendum għal din in-nota.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ser ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

---

<sup>4</sup> 8053/18.